

Brussell, 23 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

7425/22

LIMITE

JAI 377
ASILE 33
MIGR 91
FRONT 128
CADREFIN 38

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Koordinazzjoni Ewropea għall-akkoljenza tar-refuġjati mill-Ukrajna

Sa mill-24 ta' Frar, aktar minn 3 miljun persuna, li l-maġġoranza l-kbira tagħhom huma nisa u tfal, ħarbu mill-Ukrajna u fittxew rifuġju fl-Unjoni Ewropea, wara aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa. L-Unjoni Ewropea wriet l-unità u s-solidarjetà tagħha billi fis-27 ta' Frar iddeċidiet li tagħmel użu mill-protezzjoni temporanja prevista fid-Direttiva 2001/55/KE – għall-ewwel darba mill-adozzjoni tagħha – u billi adottat id-deċiżjoni tagħha fit-3 ta' Marzu. Hija tipprovdi wkoll appoġġ umanitarju lill-Ukrajna u lill-Moldova, inkluż permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM).

L-unità u s-solidarjetà huma ugwalment meħtieġa biex tiġi żgurata l-akkoljenza xierqa tal-persuni kkonċernati. Din teħtieġ koordinazzjoni Ewropea msaħħa dwar għadd ta' kwistjonijiet, f'konformità man-natura eċċezzjonali tas-sitwazzjoni. Il-Presidenza qed torganizza laqgħa fil-ġimgħa tal-IPCR biex jiġu diskussi d-dimensjonijiet differenti tal-kriżi u biex ngħaqqdu l-isforzi tagħna, u l-laqgħat regolari tal-pjattaforma ta' solidarjetà għandhom jippermettu r-rispons għall-ħtiġijiet espressi mill-Istati Membri.

Il-gwida mill-ministri hija importanti, b'mod partikolari dwar l-akkoljenza tar-refuġjati u l-koordinazzjoni taċ-ċaqliq tagħhom.

1. Implimentazzjoni ta' appoġġ materjali u finanzjarju lill-Istati Membri

Il-Kummissjoni ressqet diversi inizjattivi biex issaħħaħ l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni Ewropea lill-Istati Membri biex tindirizza l-akkoljenza tar-refuġjati.

L-inizjattiva CARE (*Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa*) tippermetti lill-Istati Membri jużaw l-ammonti disponibbli tal-programmazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni 2014-2020 biex ikopru l-kostijiet għall-akkoljenza tar-refuġjati (għad hemm madwar 100 miljun euro li għadhom ma ġewx ipprogrammati). Is-segment tal-2022 tal-fondi REACT-EU (EUR 9.5 biljun) jista' jintuża wkoll. L-inizjattiva CARE tippermetti wkoll l-użu flessibbli tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għall-appoġġ ta' azzjonijiet għar-refuġjati. Barra minn hekk, testendi b'sena l-applikazzjoni tar-rata eċċezzjonali ta' kofinanzjament tal-UE ta' 100 %: dan jista' jwassal għal aċċellerazzjoni ta' pagamenti sa EUR 5 biljun fl-2022 u EUR 1 biljun fl-2023.

Ir-reviżjoni tar-regoli għall-Fondi Ewropej għall-Affarijiet Interni tagħmilha possibbli wkoll li jiġu rilaxxati l-fondi disponibbli fil-programmi nazzjonali tal-Istati Membri skont il-programmazzjoni 2014-2020 tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u li l-eliġibbiltà tal-programmi tiġi estiża b'sena. Din il-flessibbiltà tiżied mar-riżorsi disponibbli għall-Istati Membri skont il-programmazzjoni 2021-2027 taħt ġestjoni diretta:

- EUR 63 miljun f'appoġġ ta' emerġenza għall-2022 taħt l-AMIF u l-Istrument għall-Appoġġ għall-Ġestjoni tal-Fruntieri (BMVI);
- EUR 150 miljun għall-appoġġ tas-sistemi ta' akkoljenza, ażil u ritorn tal-Istati Membri esposti għal pressjoni migratorja għolja.

Il-kostijiet għall-akkoljenza tal-persuni kkonċernati ġejjin mill-Ukrajna ser ikunu koperti b'rata ta' 100 % jew 90 %. Fl-aħħar nett, il-BMVI qed tqiegħed EUR 499 miljun għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri għall-protezzjoni u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni.

Il-COREPER approva l-proposti għar-Regolamenti "CARE" u "Fondi għall-Affarijiet Interni" fis-16 ta' Marzu. Dawn it-testi għandhom jiġu adottati mill-Parlament Ewropew fis-sessjoni tiegħu tat-23 u l-24 ta' Marzu, u jidħlu fis-seħħ fis-7 ta' April.

L-Istati Membri talbu għal:

- preżentazzjoni kompluta u leġġibbli tal-istrumenti finanzjarji kollha disponibbli, kif ukoll l-ammonti disponibbli għall-Istati Membri;
- l-istabiliment ta' "punt uniku ta' servizz" għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet: il-Kummissjoni għadha kemm wiegħbet għal din it-talba;
- valutazzjoni xierqa tad-diversità tal-ħtiġijiet, inkluż, pereżempju, fl-educazzjoni u l-mezzi edukattivi, minħabba l-proporzjon għoli ta' minorenni fost il-persuni milqugħa.

Il-mezzi msemmija hawn fuq ser jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urġenti. Fl-istess ħin, tista' tingħata kunsiderazzjoni lill-antiċipazzjoni ta' ħtiġijiet possibbli fuq perijodu ta' żmien itwil, skont analiżi ekonomika.

Barra minn hekk, l-aġenziji tal-UE bdew iżidu l-appoġġ tagħhom lill-Istati Membri.

Bħalissa 257 uffiċjal tal-Frontex huma skjerati fil-fruntieri mal-Ukrajna, il-Moldova u l-Belarusija, inkluż 204 uffiċjali fir-Rumanija (157 fil-fruntiera mal-Ukrajna, 47 fil-fruntiera mal-Moldova).

Hemm 18-il uffiċjal fil-Polonja, l-istess bħalma hemm fil-Moldova u 14 fis-Slovakkja.

L-Aġenzija għall-Ażil qed tfejji intervent fir-Rumanija.

Fl-aħħar nett, il-Europol tinsab attenta għar-riskji assoċjati mad-destabilizzazzjoni tal-fruntieri Ukreni (it-traffikar ta' bnedmin, it-traffikar ta' armi jew ta' vetturi, eċċ.). Hija bagħtet erba' uffiċjali fis-Slovakkja, erba' fil-Polonja u tnejn fil-Moldova.

Il-ministri huma mistiedna jagħtu l-valutazzjoni tagħhom dwar ir-riżorsi skjerati, kif ukoll dwar il-ħtiġijiet addizzjonali possibbli li jista' jkollhom.

2. Monitoraġġ u koordinazzjoni tal-ivjaġġar fl-Unjoni Ewropea

L-organizzazzjoni tal-akkoljenza tar-refuġjati tqajjem diversi kwistjonijiet dwar l-implimentazzjoni. Fit-23 ta' Marzu, il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni li tagħti stampa ċara tal-kwistjoni.

Bħalissa l-Istati Membri huma impenjati fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja. Tqajmu xi mistoqsijiet, dwar il-verifika tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni (b'mod partikolari fin-nuqqas ta' passaporti bijometriċi jew ta' kwalunkwe dokument tal-identità, jew l-aċċettazzjoni ta' applikazzjonijiet magħmula minn ċittadini ta' pajjiżi terzi) jew fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-persuni kkonċernati. Xi tweġibiet ingħataw fil-linji gwida ppreżentati mill-Kummissjoni fil-21 ta' Marzu.

Id-data miġbura mill-Istati Membri l-aktar esposti meta r-refuġjati jidħlu fl-Unjoni għandha tiġi trażmessa lil Stati Membri oħra sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tar-refuġjati, tiġi ffaċilitata l-kontinwazzjoni tal-vjaġġ tagħhom fl-Unjoni u r-reġistrazzjoni sussegwenti tagħhom għal protezzjoni temporanja. Għandhom jinstabu soluzzjonijiet prammatiċi u sempliċi fi żmien qasir għall-iskambju ta' tali data alfanumerika miġbura mill-Istati Membri l-aktar esposti, sakemm tinstab soluzzjoni permanenti.

L-organizzazzjoni tajba tal-akkoljenza tal-persuni kkonċernati teħtieġ koordinazzjoni fil-livell Ewropew. Tali koordinazzjoni hija meħtieġa fuq tliet fronti: għar-refuġjati nfushom ser tiżgura akkoljenza u kura tajba; għall-Istati Membri l-aktar esposti, ser tiżgura li tittaffa l-pressjoni; għall-Istati Membri tad-destinazzjoni jew ta' tranżitu ser tipprovdi l-prevedibbiltà meħtieġa.

Din tinvolvi l-organizzazzjoni ta' skambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-flussi li deħlin, dwar il-kapaċitajiet ta' akkoljenza, jew dwar ċerti kategoriji ta' persuni – b'mod partikolari persuni vulnerabbli, inkluż minorenni mhux akkumpanjati. Ser tinvolvi wkoll l-istabbiliment ta' koordinazzjoni li tiffaċilita l-antiċipazzjoni u l-prevedibbiltà tal-flussi tar-refuġjati lejn Stati Membri individwali, b'mod partikolari billi jiġu organizzati konnessjonijiet tat-trasport u jintużaw ċentri li jinsabu fil-postijiet rilevanti.

L-iskambju ta' data preċiża, komparabbli u aġġornata mill-Istati Membri ser ikun ta' importanza kbira għall-implimentazzjoni ta' politika effettiva, b'mod partikolari dwar in-numru ta' persuni li jidħlu u jutilqu minn kull Stat Membru kkonċernat.

Xi Stati Membri bdew jorganizzaw sistemi ta' koordinazzjoni bejniethom biex jorganizzaw u jippjanaw it-trasport tar-refuġjati b'mod ikkoordinat. Koordinazzjoni bħal din tkun utli u effettiva fl-Unjoni Ewropea kollha; din tista' tiġi fdata lill-Kummissjoni, li diġà waqqfet pjattaforma ta' solidarjetà li tippermetti l-koordinazzjoni u tiffaċilita l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri f'dawn l-oqsma kollha.

Il-ministri huma mistiedna jindikaw jekk humiex meħtieġa aktar kjarifiki dwar l-applikazzjoni tal-protezzjoni temporanja (reġim ta' residenza, eċċ.). B'mod partikolari, il-proċedura ta' reġistrazzjoni hija element importanti għall-monitoraġġ, l-akkoljenza u l-protezzjoni tal-persuni kkonċernati: huwa propost li l-Kummissjoni tintalab tħejji soluzzjoni li tippermetti, fil-futur qrib, il-konsolidazzjoni fil-livell Ewropew tar-reġistrazzjonijiet magħmula fil-bażijiet tad-data nazzjonali.

Il-ministri huma mistiedna jikkonfermaw l-aspettattivi tagħhom rigward il-pjattaforma ta' solidarjetà: il-Kummissjoni għandha, permezz tal-pjattaforma, tikkoordina t-trasport tar-refuġjati fl-Unjoni Ewropea billi torganizza kanali ta' informazzjoni u tipprogramma l-ivvjaġġar minn ċerti punti ta' tlaqqiġ identifikati minn qabel, filwaqt li tiddependi fuq l-appoġġ tal-aġenziji tal-Unjoni?

3. Akkoljenza ta' refuġjati mill-Moldova: monitoraġġ tal-impenji, implimentazzjoni operazzjonali

Fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari tal-Moldova, l-Unjoni Ewropea għamlet użu minn diversi mezzi, b'mod partikolari f'termini ta' għajjnuna umanitarja. Madwar 15-il Stat Membru diġà appoġġaw lill-Moldova permezz tal-UCPM, b'mod partikolari b'tagħmir mediku, sodod tal-kampijiet u ħtiġijiet tal-iġjene. Ftehim dwar l-istatus li jippermetti l-intervent attiv tal-Frontex fit-territorju tal-Moldova b'appoġġ għall-gwardji tal-fruntiera tal-pajjiż ġie nnegozjat ukoll u ffirmat fi żmien ftit jiem. B'riżultat ta' dan il-ftehim, il-gwardji tal-fruntiera ġew skjerati bħala rinforz b'mod effettiv mill-20 ta' Marzu.

Issa hemm hteieġa urġenti li tiġi organizzata l-akkoljenza fl-Unjoni Ewropea ta' refuġjati mill-Ukrajna li sabu rifuġju fil-Moldova. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jippreżentaw l-impenji ta' akkoljenza. Sas-17 ta' Marzu, 6 Stati Membri, kif ukoll in-Norveġja, ippreżentaw tali impenji, li jirrappreżentaw total ta' 11,500 persuna li jistgħu jintlaqgħu. Ir-Rumanija qablet li tistabbilixxi ċentru ta' akkoljenza fit-territorju tagħha.

Biex torganizza din il-akkoljenza, il-Kummissjoni ħejjiet, bħala parti mill-pjattaforma ta' solidarjetà, proċeduri operattivi (SOP) li jispeċifikaw il-kondizzjonijiet li taħthom il-persuni kkonċernati ser jiġu identifikati, magħżula, trasportati u ospitati fl-Istati Membri. L-organizzazzjoni tar-rilokazzjonijiet tista' tiġi fdata lill-Kummissjoni. Xi Stati Membri esprimew ix-xewqa li t-trasport tar-refuġjati kkonċernati jista' jiġi appoġġat finanzjarjament mill-Unjoni Ewropea.

Il-ministri huma mistiedna:

- **jippreżentaw impenn ta' akkoljenza;**
- **jikkonfermaw ix-xewqa tagħhom li l-operazzjonijiet jinbdew malajr kemm jista' jkun skont il-proċeduri stipulati mis-SOPs, b'data ta' dħul fis-seħħ li għandha tiġi definita fi żmien qasir ħafna.**

4. Kontroll tal-fruntieri esterni u kwistjonijiet ta' sigurtà:

Il-kriżi tal-Ukrajna fakkret fl-importanza ta' proċeduri b'saħħithom fil-fruntieri esterni u kapaċità rapida ta' adattament u ta' intervent biex tirrispondi għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Għandhom jiġu implimentati proċeduri robusti ta' sikurezza: huwa importanti li l-persuni kollha li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni jiġu vverifikati fis-sistemi ta' informazzjoni rilevanti, u b'mod partikolari fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS). L-Istati Membri huma mistiedna jirrapportaw lill-Europol, permezz tan-Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA), tal-konkordanzi (jew ir-riżultati pożittivi ta' verifiki) fejn dan jidher rilevanti.

Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jagħmluha possibbli li l-livell ta' kontroll jiġi adattat għat-theddida filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà. Fit-2 ta' Marzu, il-Kummissjoni ppreżentat linji gwida li jispeċifikaw il-metodi ta' operazzjoni li għandhom jiġu ppreferuti.

Min-naħa l-oħra, il-mandat tal-aġenziji, il-Frontex u l-Europol, huwa mmirat b'mod partikolari biex jassisti lill-Istati Membri meta jiffaċċjaw tali sfidi.

Għal din il-kriżi, il-Frontex tista' tiskjera aktar minn 2,600 uffiċjal għall-attivitajiet kollha tal-gwardji tal-fruntieri u bdiet torganizza titjiriet ta' ripatrijazzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn. L-iskjerament ta' uffiċjali tal-Europol jikkomplementa dan l-appoġġ billi jipprovdi kapaċità ta' għarfien espert dwar aktar kontrolli fil-fond fil-fruntieri. Abbażi tal-informazzjoni rilevanti pprovdata mill-Istati Membri, l-Europol tista' wkoll tipprovdi analiżi preċiża tat-theddid kriminali kif ukoll appoġġ għal investigazzjonijiet mibdija mill-Istati Membri dwar atti kriminali jew terroristiċi relatati mal-kunflitt li għaddej.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat li hija lesta tappoġġa finanzjarjament l-operazzjonijiet imwettqa b'mod konġunt mill-Istati Membri, pereżempju meta Stat Membru jqiegħed persunal tas-servizzi tas-sigurtà għad-dispożizzjoni ta' Stat Membru ieħor, skont il-qafas legali tad-Deċiżjonijiet ta' Prüm. Huwa meħtieġ mekkaniżmu biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet operazzjonali tal-Istati Membri l-aktar affettwati u l-appoġġ li jistgħu jipprovdu Stati Membri oħra.

Fl-aħħar nett, is-sitwazzjoni attwali tiffaċilita l-iżvilupp ta' diversi forom ta' kriminalità serja u organizzata li tisfrutta l-vulnerabbiltà tal-persuni (traffikar ta' bnedmin, sfruttament sesswali, xogħol furzat, b'riskju akbar fil-każ ta' minorenni u orfni tal-gwerra, faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, kuntrabandu ta' dokumenti foloz, organizzazzjonijiet ta' networks ta' esfiltrazzjoni ta' bnedmin li jirrifjutaw mobilizzazzjoni ġenerali, online scams, użu ħażin ta' fondi u donazzjonijiet lill-Ukrajna, attacchi ċibernetiċi, traffikar ta' armi, traffikar ta' drogi, eċċ.). Dan jiġġustifika t-twissija u l-attivazzjoni tal-komunità EMPACT¹, network Ewropew ta' prattikanti fil-ġlieda kontra l-forom differenti ta' kriminalità, li jistgħu jagħmlu użu mill-għarfien miksub matul l-aħħar għaxar snin minn dan il-mekkaniżmu (tfittxija għal intelligence kriminali, skambju ta' informazzjoni, immirar operazzjonali, intervent, prevenzjoni). Il-punti b'saħħithom tal-mekkaniżmu EMPACT (l-adattabbiltà, ir-rispons, il-flessibbiltà, il-komplementarjetà tas-servizzi u l-atturi operazzjonali) ser jippermettu lill-Istati Membri jorganizzaw operazzjonijiet konġunti għas-sigurtà tal-Unjoni.

Huwa essenzjali li l-aktar vulnerabbli fost dawk li jaslu, b'mod partikolari t-tfal, jiġu protetti minn kull forma ta' sfruttament u traffikar ta' bnedmin, hekk kif jidħlu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, huwa importanti li jiġu stipulati malajr miżuri preventivi u ta' sensibilizzazzjoni biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-sigurtà tar-refuġjati, inkluż billi tiġi stabbilita kooperazzjoni bejn il-pulizija nazzjonali u s-servizzi tas-sigurtà u l-organizzazzjonijiet umanitarji u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili sabiex jiġu identifikati theddidiet emerġenti u vittmi potenzjali tat-traffikar.

L-Istati Membri huma mistiedna jipprovdu lill-Europol bl-informazzjoni rilevanti u utli kollha għall-prevenzjoni tar-riskji għas-sigurtà relatati mal-kriżi tal-Ukrajna.

Il-ministri huma mistiedna:

- **jesprimu l-aspettattivi possibbli tagħhom rigward l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għat-twettiq ta' kontrolli ta' sigurtà fil-fruntiera esterna;**
- **jikkonfermaw l-aspettattivi tagħhom rigward il-mobilizzazzjoni tan-network EMPACT biex jiġu indirizzati b'mod koordinat il-fenomeni kriminali kollha li jistgħu jibbenefikaw mill-kriżi tal-Ukrajna.**

¹. EMPACT (*European Multidisciplinary Platform Against Criminal Threats*): Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali